# IL-MUŻEW TAS-SANTWARJU FIL-LOKALITÀ TA' ĦAŻ-ŻABBAR

Michael Buhagiar Teżoirier - Mużew tas-Santwarju









Il-Mużew tas-Santwarju f' Ħaż-Żabbar ilu miftuħ mill-1954. Dan il-proġett kien inbeda fuq inizzjattiva tal-kappillan Dun Ġużepp Zarb li meta ġie f' Ħaż-Żabbar, sab li ħafna affarijiet storiċi kienu nqerdu fi żmien relattivament riċenti qabel il-pussess tiegħu ta' kappillan fl-1943. Mill-bidu tal-parrokkat tiegħu beda jara x' fadal u fil-festa tal-1946 insibuh jiftaħ Mużew ċkejken fis-sagristija l-antika. Dan il-Mużew ċkejken kien iż-żerriegħa tal-binja tal-Mużew tas-Santwarju li naraw illum. Fl-1947 fil-pubblikazzjoni riċerkata tiegħu "Is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzji" jidentifika l-ex-voto u affarijiet storiċi li kien hemm u xi affarijiet oħra li kienu nqerdu. Kien hemm ħafna taħbit biex ingabu l-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi u ċivili għal dan l-edifiċju peress li kien proġett innovattiv li tiftaħ mużew parrokjali. Biss dan ma qatax qalb il-Kappillan Zarb u f' Settembru tal-1954 irnexxielu jiftaħ uffiċjalment il-Mużew tas-Santwarju.

Dan il-Mużew kompla jżid fl-esebiti tiegħu matul is-snin meta kienu żdiedu xi affarijiet mogħtija minn diversi nies, b' devozzjoni lejn il-Madonna u anke b' imħabba lejn il-parroċċa. F' din il-kollezzjoni nsibu affarijiet uniċi u ta' interess nazzjonali. Hawn insibu 86 ex-voto li 75 minnhom huma relatati mal-attivita marittima. Dawn l-ex-voto kienu mgħotija minn diversi nies bħal kavallieri, suldati, baħrin, sajjieda u anke skjavi b' ringrazzjament ta' ħelsien minn xi diżgrazzja lil Madonna. L-importanza ta' dawn il-kwadri hi waħda kbira. Dawn mhux biss huma xhieda ta' devozzjoni antika u kontinwa lejn il-Madonna tal-Grazzja imma wkoll jagħtu ritratt ta' ġrajjiet u tipi differenti ta' bastimenti. Il-kwadri jkopru 500 sena ta' storja fejn l-eqdem wieħed imur lura lejn c.1550 u l-aktar wieħed riċenti ingħata fl-2013. Ex-voto oħra jikkonsistu f' dawk tal-metall, inkwadri b' cuttings minn gazzetti u affarijiet magħmula bl-idejn bħal ganutell.

Barra l-ex-voto insibu wkoll mudell tal-Vaxxell San Gioacchino li kien bastiment tat-tielet klassi armat b' 64 kanun fil-flotta tal-Ordni li ġie varat fl-1772. Hemm ukoll 2 suġġetti waħda tal-aħwa Gran Mastri Kottoner li fiha pittura ta' stil Pretjan mpittra fuq il-ġilda u suġġetta mgħotija mill-Gran Mastru Hompesch għall-użu tal-vjatku fil-parroċċa.

Il-pinoteka f' dan il-Mużew hi waħda ta' kwalita ukoll. Din tikkonsisti minn donazzjonijiet u anke pitturi li kienu fil-knisja u tneħħew meta sar tibdil strutturali jew pittura ġdida minflokhom. Insibu biċċiet ta xogħol ta' artisti bħal Giuseppe D' Arena, Mattia Preti u l-iskola tiegħu, Giuseppe Calì, Tommaso Madiona u oħrajn. Xi xogħlijiet anonimi ukoll huma ta' kwalità fosthom dik li turi l-port ta' Messina bi flotot Ewropej li jmur lura lejn il-bidu tas-seklu 18 u dak tar-Rebħa tal-Assedju ta' Vjenna tal-1683. Fil-Mużew insibu wkoll xi abbozzi ta' pitturi li saru fis-Santwarju uħud ingħataw mill-artisti infushom fosthom abozz ta' monument ippjanat għall-Belt minn Antonio Sciortino iffirmat minnu bil-lapes.

Affarijiet uniċi oħra huma il-karru tal-pesta li kien instab fil-kripta tas-Santwarju li hu l-unika wieħed li fadal wara l-pesta tal-1813. Biċċiet mill-ajruplan Vulcan XM645 u affarijiet relatati mal-militar bħal medalji u strecher tal-ARP f'Ħaż-Żabbar ifakkru żmien ikrah li għadda minn fuq il-lokal tagħna. Dawn huma ftit ħafna mill-affarijiet ta' interess li wieħed isib fil-Mużew.

It-tribuna li kienet intużat biex fuqha saret l-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari fl-1951 kienet ġiet armata fil-Mużew. Illum wara r-rinovament li kien sar fl-2003 bdiet tintuża bħala sala għall-esebizzjonijiet tal-arti u affarijiet kulturali. Fil-Mużew isiru wkoll laqgħat informattivi dwar suġġetti varji. Ir-rinovament tal-2003 kien proġett importanti għall-Mużew imniedi mill-parroċċa peress li sar tibdil ta' saqaf li kien fi stat perikoluż u struttura tal-ħadid li qasmet is-sular ta' fuq fi tnejn u hekk il-pittura setgħet titgawda aħjar. Barra dan sar ukoll lift biex ikun aċċessibli għal kullħadd.

Matul is-snin dejjem kien hemm xi grupp li volontarjament mexxa l-Mużew tas-Santwarju u fetħu għall-pubbliku. Illum grupp sabiħ ta' madwar 25 voluntier jieħdu ħsieb il-kura tal-esebiti, riċerka fuq l-istorja tal-esebiti u l-lokal u anke l-manutenzjoni tal-binja tal-Mużew.

Fil-Mużew matul iż-żmien isir xogħol ta' restawr u konservazzjoni fuq l-esebiti. Dan kollu jsir bis-saħħa ta' donazzjonijiet tal-entratura u anke permezz ta' benefatturi. Dan ix-xogħol jiġi kkummissjonat lil restawraturi professjonali biex ix-xogħol li jsir ikun kollu riversibbli u ta' kwalità. Barra dan isir ukoll xogħol ta' katalogar tal-affarijiet li nsibu fil-Mużew. Il-voluntiera wkoll jagħmlu xogħol ta' tindif u manutenzjoni fil-Mużew u jżommuh miftuħ għall-viżitaturi. Min irid jara l-Mużew jista' jagħmel dan kuljum bejn id-9.00am u 12.00pm waqt li matul il-jiem tal-festa se jkun miftuħ ħinijiet speċjali. Matul il-jiem tal-festa wkoll se jkollna esebizzjoni kollettiva tal-arti mtella minn 10 artisti. Għal aktar tagħrif dwar xi jkun għaddej fil-Mużew tas-Santwarju matul is-sena wieħed jista jsib il-facebook page Żabbar Sanctuary Museum Page.